**Kunsill Lokali Naxxar**

**Il-Pjan ta' Ħidma**

**2017 – 2019**
**(ikopri l-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2019)**

**Werrej**


| | |
|---|---|
| ***Introduzzjoni u Analiżi tas-sitwazzjoni*** | ***1*** |
| ***L-Istqarrija tal-Missjoni u l-Valuri*** | ***2*** |
| ***L-Għanijiet, ir-Riżultati Mistennija u l-Istrateġija*** | ***3*** |
| ***L-Organizzazzjoni*** | ***8*** |
| ***It-Tbassir dwar il-Finanzi u r-Rendiment*** | ***9*** |


*Approvat waqt il-laqgħa tal-Kunsill tal-21 ta' Marzu 2017*

Dan il-Pjan ta' tliet snin ikopri l-perjodu l-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2019.

Il-Pjan huwa wieħed mill-għodod l-aktar importanti fil-ħidma ta' kull organizzazzjoni għaliex permezz tiegħu l-istess organizzazzjoni tistqar l-impenn għall-ħidma futura tagħha billi tistabbilixxi l-viżjoni tal-organizzazzjoni kif ukoll billi, permezz tal-istrateġiji elenkati fil-Pjan, tasal li twettaq il-viżjoni tagħha. Minħabba fl-importanza kbira li għandhom il-Kunsilli Lokali, bħala Gvernijiet Lokali, ma jistax jonqos li dan il-Pjan ikollu post importanti fil-ħidma tagħhom. Fil-każ tal-Kunsilli Lokali, dan isir dejjem fil-kuntest tal-missjoni tal-Kunsill, missjoni li l-qofol tagħha toħroġ mill-liġi tal-Kunsilli Lokali.

Filwaqt li dan il-Pjan iservi wkoll bħala l-kejl li bih il-Kunsill ikejjel ħidmietu, m'għandu jkun qatt li jirrestrinġi lill-Kunsill milli jiżviluppa ideat ġodda, speċjalment f'ħidma dinamika bħalma hija tal-Kunsill u meta tiddependi ħafna miċ-ċirkostanzi esterni tal-Kunsill, aktar milli interni. Dan però għandu jsir b'attenzjoni u b'reqqa biex jiżgura li d-direzzjoni tkun l-istess ħalli b'hekk verament dan id-dokument iservi ta' għodda tajba.

Biex ikun Pjan dinamiku l-Kunsill irid jibqa' jġedded il-viżjoni u l-istrateġiji skont iċ-ċirkostanzi tal-mument f'dinja li dejjem qed tinbidel u fi sfidi u opportunitajiet ġodda. L-opportunitajiet li jezistu huma kbar u sta għalhekk għall-Kunsill, permezz tal-istrutturi tiegħu, li jisfrutta kull opportunità li tiġi.

| | |
|---|---|
| *Iffirmat* | *Iffirmat* |
| **Dr Maria F. Deguara, M.D., MMCFD** | **Paul Gatt** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

## 2.1 L-Istqarrija tal-Missjoni

Biex jaqdi l-funzjonijiet statutorji kollha bl-ahjar mod possibli filwaqt li jgħolli l-kwalità tal-ħajja tar-residenti tiegħu billi joffri u jżid servizzi tal-aqwa livelli.

## 2.2 Il-Valuri

*Il-Valuri tal-Kunsill Lokali Naxxar huma:*

- Il-promozzjoni tal-interess tal-komunità tagħna filwaqt li ma ninsew qatt il-bżonnijiet ta' individwi b'sitwazzjonijiet partikulari.
- Amministrazzjoni ġusta u trasparenti fix-xogħol tal-Kunsill.
- Rispett għall-opinjonijiet u twemmin diversi tal-komunità tagħna 'l bogħod minn kull politka partiġjana.
- Rispett għall-ambjent u l-wirt kulturali u storiku tan-Naxxar.

## 3. L-Għanijiet u r-Riżultati Mistennija

| Il-miri tagħna | Meta maħsub li jitwettaq | Ir-Riżultati Mistennija/Strateġija |
|---|---|---|

### 3.1 SERVIZZ LIL U INVOLVIMENT TAR-RESIDENTI

| | | |
|---|---|---|
| Ir-residenti kollha jħossuhom parteċipi fit-tmexxija tal-lokalità.<br><br>Ikompli jtejjeb is-servizzi offruti mill-Uffiċini tal-Kunsill. | 2017/19 | Għandu joħloq il-makkinarju meħtieġ biex l-ilmenti jkunu trattati fil-ħin għas-sodisfazzjon tar-residenti. Il-Kunsill għandu jinsisti mal-Gvern Ċentrali biex is-sistemi introdotti jkunu tal-ogħla livell possibbli.<br><br>Għandu wkoll jiżgura li l-post ikun akkoljenti u mantnut kif inhu xieraq.<br><br>Għandu jkompli jiżgura l-aħħar teknoloġija biex isservi bħala l-aħjar għodda għall-ħaddiema tiegħu.<br><br>Il-Kunsill ikompli jikkonsulta mar-residenti kull darba li jkun se jieħu deċiżjoni li tolqothom b'mod dirett.<br><br>Fejn tinhass il-htiega u jkun hemm rieda mir-residenti, il-Kunsill jistabilixxi sottokumitat biex iservu bħala punt ta' riferenza fiz-zona partikulari tagħhom.<br><br>Kooperazzjoni ikbar mal-għaqdiet biex ma nħallux vojt u niskansaw id-duplikazzjoni.<br><br>Jahtaf opportunitajiet permezz ta' progetti ta' networking, speċjalment b'fondi Ewropej, biex ikompli jfittex l-ahjar metodi possibli biex ikun aktar viċin ir-residenti. |

## 3.2 ĦIDMA SOĊJALI

| | | |
|---|---|---|
| Priorità ogħla lill-aspett soċjali.<br><br>Il-Kunsill ikun sensittiv għall-bzonnijiet partikulari tar-residenti u jara kif jaqdi għal dawn il-bzonnijiet.<br><br>Ħadd ma jħossu waħdu jew maqtugħ mis-soċjetà.<br><br>Hidma kontra t-tixrid u l-vizzju tad-droga u vizzji oħrajn. | 2017/19 | Ħidma mill-qrib ma' dipartimenti u aġenziji tal-gvern kif ukoll ma' għaqdiet volontarji sew nazzjonali kemm lokali.<br><br>Analiżi profonda għal identifikazzjoni u kwantifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' kull grupp, b'konsultazzjoni u kooperazzjoni ma' dipartimenti, aġenziji u għaqdiet volontarji.<br><br>Ko-operazzjoni mal-Aġenziji biex jiġu zviluppati servizzi ta' Counselling.<br><br>Identifikazzjoni ta' voluntieri.<br><br>Jorganizza attivitajiet u joħloq inizjattivi u/jew jissapportja liċ-Ċentru ta' Matul il-Jum tal-Anzjani, biex l-anzjani, b'mod partikulari dawk mingħajr svog, jitħajjru jitħalltu aktar u jsibu svog ġdid.<br><br>Jizgura aċċessibiltà fil-postijiet pubbliċi kollha u fl-attivitajiet li jorganizza.<br><br>Il-Kunsill jissapportja l-għaqdiet volontarji lokali li jaħdmu f'din id-direzzjoni.<br><br>Jaħtaf opportunitajiet permezz ta' progetti ta' networking, speċjalment b'fondi Ewropej, biex ikompli jfittex kif jista' jkun ta' servizz akbar fejn jidħol l-aspett soċjali.<br><br>Isiru kampanji kontra l-vizzji. |

## 3.3 Żgħażagħ

| | | |
|---|---|---|
| Zgħazagħ parteċipi fit-teħid tad-deċizjonijiet, aktar attivi u aktar kreattivi. | 2017/19 | Il-Kunsill jissapportja lill-Kunsill Lokali Zgħazagħ u l-progett Meet Teen.<br><br>Joħloq attivitajiet għaz-zgħazagħ b'element sportiv, kreattiv u kulturali.<br><br>Jesplora attivament programmi u proġetti flimkien mal-Ministeru tal-Kultura u Żgħażagħ biex jieħu l-ikbar vantaġġi possibbli mill-programmi ta' l-Unjoni Ewropea.<br><br>Informazzjoni liż-żgħażagħ permezz ta' flyers u l-mezzi moderni ta' komunikazzjoni dwar dawn il-programmi – dan diġà qiegħed isir u għalhekk għandu jkompli jissaħħaħ.<br><br>Wara li l-Kunsill irnexxielu jorganizza l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ, ikompli jsostnieh u jinkoraġġih ħalli aktar żgħażagħ jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' dan il-Kunsill. |

## 3.4. L-AMBJENT

| | | |
|---|---|---|
| Komunità aktar konxja mill-htiega li nikkonservaw u ntejbu l-ambjent ta' madwarna. | 2017/19 | Isiru kontinwament kampanji edukattivi fost ir-residenti.<br>Jizdiedu l-faċilitajiet fejn wiehed jista' jiddisponi skart separat.<br>Insistenza mal-kuntrattur biex il-klawsoli fil-kuntratt jiġu rispettati f'kull ħin. |
| Aktar residenti jisseparaw l-iskart tagħhom.<br>Aktar zoni jithaddru permezz ta' sigar u arbuxelli indigeni u mediterranji.<br>Livell ogħla ta' indafa fil-lokalità.<br>Jagħmel postijiet naturali aktar aċċessibli.<br>Jahdem biex jitnaqqas it-tniggis fl-arja u kwalunkwe sors ta' tniggis..<br>Jgħolli l-livell tal-gonna kkurati u possibilment johloq ohrajn godda. | | Joħloq inizjattivi biex iħajjar aktar nies jisseparaw l-iskart.<br>Jistabbilixxi zoni naturli li jistgħu ikunu gawduti u jservu ta' mezz ta' rilassament u jagħmilhom kemm jista' jkun aċċessibbli.<br>Jidentifika zoni fejn jistgħu ikunu konvertiti f'gonna pubbliċi.<br>Jidentifika zoni u/jew jiffaċilita l-mixi u l-uzu tar-roti.<br>Jinsisti mal-awtoritajiet biex ikun hemm aktar sorveljanza fl-operat tal-barrieri.<br>Ibiegħed kemm jista' jkun traffiku mill-qalba tal-lokalita'.<br>Isiru CCTV camera fejn ikun mehtieg bhala mezz ta' kontroll. |

## 3.5 TOROQ, BANKINI U TISBIEĦ

| | | |
|---|---|---|
| Toroq u bankini tajbin b'sigurtà ikbar. | 2017/19 | Jiksi aktar toroq bit-tarmak skon il-lista ta' prijorità stabbilita mill-Kunsill.<br>Jagħmel xogħol ta' traqqiegħ kull fejn hemm bzonn u jara li jkun proattiv billi jkollu l-għodda mehtiega biex il-hsarat jidentifikahom kmieni kemm jista' jkun.<br>Izomm lista aggornata ta' fejn hemm bzonn manutenzjoni tal-bankini.<br>Jaċċerta li l-bankini kollha jkunu aċċessibbli għall-persuni bi bzonnijiet partikulari. |
| Jiġi priservat u restawrat l-aspett tradizzjonali tan-Naxxar l-antik. | | Isebbah l-isqaqien u t-toroq antiki u jtihom laqta' antika kif jixraq.<br>Restawr tal-Mithna tal-għaqba u uzu bhala Ċentru tal-Arti/kulturali. |

### 3.6 TRAFFIKU

| | | |
|---|---|---|
| Sigurtà ikbar għar-residenti meta jużaw it-toroq.<br><br>Tnaqqis fit-tniġġis ta' l-arja. | 2017/19 | Sistemi ta' traffiku f'direzzjoni unika fejn meħtieġ.<br><br>Konsultazzjonijiet u kooperazzjoni mal-Gvern Ċentrali biex jitwettqu miżuri biex jonqos il-periklu fejn Vjal il-Labour tiltaqa' ma' Vjal il-21 ta' Settembru. |

### 3.7. INFURZAR LOKALI

| | | |
|---|---|---|
| • Kontroll tat-traffiku<br>• Vandaliżmu | 2017/19 | Isiru programmi edukattivi fil-qasam tat-traffiku kif ukoll ta' l-ambjent.<br><br>Bħala edukazzjoni l-Kunsill jippubblika fuljett informattiv b'mod li jiftiehem sewwa mill-pubbliku.<br><br>Cameras tas-sigurtà. |

### 3.8 KULTURA U EDUKAZZJONI

| | | |
|---|---|---|
| Promozzjoni tal-wirt storiku, artistiku, arkitettoniku, kulturali u ambjentali tan-Naxxar.<br><br>Iżomm kuntatt kontinwu mas-soċjetajiet kollha tal-lokal u jaħdem mill-qrib biex jintlaħqu l-iskopijiet ċiviċi tal-Kunsill.<br><br>Il-Kunsill għandu wkoll jasal fi ftehim ġust mas-soċjetajiet tal-baned bil-għan li jkun hemm koperazzjoni u kollaborazzjoni kontinwa bejn il-partijiet kollha.<br><br>Izid it-turizmu lokali | | Kollaborazzjoni mill-qrib mal-Għaqda Kulturali Wirt Naxxari<br><br>Il-Kunsill jippubblika settijiet ta' fuljetti informattivi dwar dan il-wirt.<br><br>Tkompli l-kooperazzjoni ma' l-iskejjel għall-għarfien ta' dan il-wirt. Joħloq kampanji fl-iskejjel favur l-edukazzjoni ċivika.<br><br>Jagħmel arranġamenti biex regolarment jingħataw lezzjonijiet minn persuni esperti f'dan il-qasam lit-tfal ta' l-iskejjel.<br><br>Joffri faċilitajiet ta' informazzjoni għat-turizmu.<br><br>Ikunu organizzati attivitajiet kulturali.<br><br>Ikunu organizzati attivitajiet li jkabbru t-talent Naxxari.<br><br>Kontinwazzjoni tal-korsijiet varji, inkluż dawk fl-informatika u dawk organizzati flimkien mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni bħall-korsijiet tal-litteriżmu. |

### 3.9.SPORT U RIKREAZZJONI

| | | |
|---|---|---|
| Ir-residenti jkunu iżjed attivi.<br>Il-Kunsill jinkoraġixxi dixxiplini sportivi oħra li huma inqas popolari.<br>Ftehim fit-tul mal-għadiet lokali biex ikunu organizzati attivitajiet sportivi b'mod regolari. | 2017/19 | Ikompli jsahhah l-inizjattiva Familja Attiva u jiehu inizjattivi relatati.<br>Johloq kuxjenza favur il-mixi, l-ezerċizzju fiziku u l-uzu tar-roti.<br>Jibni Outdoor Gym fin-naha ta' Triq il-Mithna<br>Jibni Outdoor Gym fi Triq V Boron (Masgar it-Tfal).<br>Attivitajiet regolari bi shab mal-għaqdiet lokali kemm dawk sportivi kif ukoll dawk li m'humiex.<br>Jippubblika fuljett/i biex iqajjem kuxjenza favur l-isports u l-attività fizika.<br>Irranagar tal-bandli Toni Vella u l-multipurpose pitch biswit u tiftix ta' soluzzjoni ghall-hmieg iggenerat mis-sigar u l-ghasafar.<br>Ifittex li jasal fi ftehim mal-Gvern Centrali bi shab mal-privat biex tinbedna kiosk fuq latrini godda. |

## 4.1 L-Organizzazzjoni

L-organizzazzjoni baqgħet tiddependi għal kollox fuq il-liġi. Dan jirrigwarda kemm il-Kunsill innifsu kif ukoll l-impjegati tal-Kunsill. In-numru ta' Kunsillieri huwa ta' disgħa filwaqt li jezisti wkoll il-Kumitati Amministrattiv ta' Bahar iċ-Ċagħaq li huwa kostitwit minn hames membri.

Il-Kumitat tal-Finanzi jagħmel parti mill-istruttura tal-Kunsill u huwa korp importanti hafna biex jidhol fid-dettall ta' numru ta' deċizjonijiet li jimpattaw fuq il-finanzi. B'dan il-mod ix-xogħol tal-Kunsill ikun jista' jithaffef.

Il-Kunsill għandu wkoll sottokumitat biex jikkunsidra t-talbiet u l-ilmenti li ma jkunux jaqaw fil-kompetenza tal-Amministrazzjoni. Dan ukoll jiffranka hafna xogħol fil-laqgħat tal-Kunsill.

Biex jgħin lill-Kunsill jiehu deċizjonijiet reltati man-negozju u fl-istess hin izomm kuntatt haj, il-Kunsill għandu wkoll is-sottokumitat tan-negozji.

In-numru ta' impjegati, minbarra s-Segretarju Eżekuttiv, huwa ta' sebgħa, inkluz persuna part timer bhala parti mill-iskema tas-CIES.

Artiklu 52 (1) tal-liġi tal-Kunsilli Lokali tiddefinixxi l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv bħala l-Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju tal-Kunsill. Din il-kariga tinkludi wkoll rwol importanti, dak ta' konsultazzjoni fuq diversi materji speċjalment dawk proċedurali.

Is-Segretarju Eżekuttiv iżomm ukoll kollaborazzjoni sħiħa u kuntatt kontinwu mas-Sindku, li għalkemm f'għajn il-liġi s-Sindku huwa membru daqs kull Kunsillier ieħor, ħlief fit-tmexxija tal-laqgħat, fir-realtà l-kariga tas-Sindku hija forsi l-aktar li trid impenn u ħin. Ħafna wkoll huma l-każijiet li s-Sindku f'konsultazzjoni mas-Segretarju Eżekuttiv ikollha tieħu ċertu deċiżjonijiet li ma jkunux jistgħu jistennew minn laqgħa tal-Kunsill għall-oħra. Dan però dejjem sar b'responsabbiltà u fil-parametri kollha tal-liġi.

Persuni oħra huma l-konsulenti li l-Kunsill jikkuntratta minn żmien għal żmien. Il-konsulenza li tingħata hija dwar aspetti Finanzjarji, Perizja, Legali, żvilupp fil-lokalità, u Inġinerija Elettrika.

# 5.1 Tbassir Finanzjarju għal tliet snin

| | | a | b | c | c-b |
|---|---|---|---|---|---|
| **Nru tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **BAĠIT 2017** (Eur) | **BAĠIT 2018** (Eur) | **BAĠIT 2019** (Eur) | **BAĠIT 2017 - 2019** **(Eur)** |
| **2** | **Dħul** | | | | |
| 0000 | Tal-Gvern | 963,603.00 | 967,583.03 | 977,258.86 | **2,908,444.89** |
| 0020 | Bye-Laws | 59,000.00 | 59,590.00 | 60,185.90 | **178,775.90** |
| 0090 | Investiment | 1,000.00 | 1,010.00 | 1,020.10 | 3,030.10 |
| 0100 | Generali | | | | |
| | TOTAL | 1,023,603.00 | 1,028,183.03 | 1,038,464.86 | **3,090,250.89** |
| **1** | **Infieq** | | | | |
| 1000 | Salarji u Pagi | 198,330.00 | 200,313.30 | 202,316.43 | 600,959.73 |
| 2000 | Manutensjoni u Xoælijiet oħra | 531,964.00 | 536,071.64 | 541,432.36 | 1,609,468.00 |
| 7000 | Infiq Kapitali | 411,000.00 | 55,550.00 | 56,105.50 | 522,655.50 |
| | TOTAL | **1,141,294.00** | **791,934.94** | **799,854.29** | **2,733,083.23** |
| | **SURPLUS/DEFICIT** | **(117,691.00)** | **236,248.09** | **238,610.57** | **357,167.66** |
| | **BROUGHT FORWARD** | 531,914.00 | 414,223.00 | 650,471.09 | 531,914.00 |
| | **CARRY FORWARD** | 414,223.00 | 650,471.09 | 889,081.66 | 889,081.66 |

## Noti:

Qed nassumu żieda ta' 1% fis-sena.

# 5.2 Tbassir tad-Dħul għal Tliet Snin

| Nru tal-Kont | DESKRIZZJONI | BAĠIT 2017 (Eur) | BAĠIT 2018 (Eur) | BAĠIT 2019 (Eur) | BAĠIT 2017 - 2019 (Eur) |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Dħul** | | | | |
| 0000 | Tal-Gvern | | | | |
| 0001 | Annwali | 958,003.00 | 967,583.03 | 977,258.86 | 2,902,844.89 |
| 0002 | Supplimentari | | | | |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | | | | |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubbliċi/Governattivi | | | | |
| 0015 | Oħrajn | 5,600.00 | | | 5,600.00 |
| | | **963,603.00** | **967,583.03** | **977,258.86** | **2,908,444.89** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 56,500.00 | 57,065.00 | 57,635.65 | 171,200.65 |
| 0036 | Kontravenzjonijiet ta' bye-laws | 1,000.00 | 1,010.00 | 1,020.10 | 3,030.10 |
| 0056 | Għotjiet sponsorjali | 1,000.00 | 1,010.00 | 1,020.10 | 3,030.10 |
| 0066 | Ġenerali | 500.00 | 505.00 | 510.05 | 1,515.05 |
| | | **59,000.00** | **59,590.00** | **60,185.90** | **178,775.90** |
| 0090 | Investiment | | | | |
| 0091 | Imghax tal-Bank | 1,000.00 | 1,010.00 | 1,020.10 | 3,030.10 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | |
| | | **1,000.00** | **1,010.00** | **1,020.10** | **3,030.10** |
| 0100 | Generali | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | | | | |
| 0120 | Kontribuzzjonijet | | | | |
| | **TOTAL** | **1,023,603.00** | **1,028,183.03** | **1,038,464.86** | **3,090,250.89** |

# 5.3 Tbassir ta' l-Infiq Għal Tliet Snin

| Nru tal-Kont | DESKRIZZJONI | BAĠIT 2017 (Eur) | BAĠIT 2018 (Eur) | BAĠIT 2019 (Eur) | BAĠIT 2017 - 2019 (Eur) |
|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **Infieq** | | | | |
| 1000 | Salarji u Pagi | | | | |
| 1100 | Onorarja tas-Sindku | 10,866.00 | 10,974.66 | 11,084.41 | 32,925.07 |
| 1101 | Allowance tal-Kunsillieri | 11,200.00 | 11,312.00 | 11,425.12 | 33,937.12 |
| 1200 | Salarji u pagi ta' l-impjegati | 141,639.00 | 143,055.39 | 144,485.94 | 429,180.33 |
| 1300 | Bonus | 11,784.00 | 11,901.84 | 12,020.86 | 35,706.70 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 1,837.00 | 1,855.37 | 1,873.92 | 5,566.29 |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet ta' Sigurta Soċjali | 13,960.00 | 14,099.60 | 14,240.60 | 42,300.20 |
| 1600 | 'Allowances' | 2,044.00 | 2,064.44 | 2,085.08 | 6,193.52 |
| 1700 | 'Overtime' | 5,000.00 | 5,050.00 | 5,100.50 | 15,150.50 |
| | | **198,330.00** | **200,313.30** | **202,316.43** | **600,959.73** |
| 2000 | Manutensjoni u Xogħlijiet oħra | | | | |
| 2100 | Dawl, iEura, telefon, etc | 19,053.00 | 19,243.53 | 19,435.97 | 57,732.50 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 5,970.00 | 6,029.70 | 6,090.00 | 18,089.70 |
| 2300 | Tiswijiet u manutensjoni | 30,800.00 | 31,108.00 | 31,419.08 | 93,327.08 |
| 2400 | Kera | 2,631.00 | 2,657.31 | 2,683.88 | 7,972.19 |
| 2500 | Sħubija f' Assoċjazzjonijiet Internazzjonali | 1,200.00 | | | 1,200.00 |
| 2600 | Spejjeú ta' l-Ufficju | 5,820.00 | 5,878.20 | 5,936.98 | 17,635.18 |
| 2700 | Trasport | 3,550.00 | 3,585.50 | 3,621.36 | 10,756.86 |
| 2800 | VjaĠĠar/Safar | 2,500.00 | 2,525.00 | 2,550.25 | 7,575.25 |
| 2900 | Informazzjoni għal-Pubbliku | 8,350.00 | 8,433.50 | 8,517.84 | 25,301.34 |
| 3000 | Servizzi b'Kuntratt | 327,328.00 | 330,601.28 | 333,907.29 | 991,836.57 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 72,822.00 | 73,550.22 | 74,285.72 | 220,657.94 |
| 3200 | Training | 1,300.00 | 1,313.00 | 1,326.13 | 3,939.13 |
| 3300 | Ospitalita u servizzi lill-Komunita | 50,140.00 | 50,641.40 | 51,147.81 | 151,929.21 |
| 3400 | Spejjeú ohra li jinqalghu | 500.00 | 505.00 | 510.05 | 1,515.05 |
| 3600 | Spejjeú fuq infurzar lokali | | | | |
| 3700 | Dawl tat-toroq | | | | |
| | | **531,964.00** | **536,071.64** | **541,432.36** | **1,609,468.00** |
| 7000 | Infieq Kapitali | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | |
| 7100 | Bini | | | | |
| 7200 | Titjib fil-Bini | 51,000.00 | 51,510.00 | 52,025.10 | 154,535.10 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 4,000.00 | 4,040.00 | 4,080.40 | 12,120.40 |
| 7500 | ProĠetti Speċjali | 356,000.00 | | | 356,000.00 |
| | | **411,000.00** | **55,550.00** | **56,105.50** | **522,655.50** |
| | **TOTAL** | **1,141,294.00** | **791,934.94** | **799,854.29** | **2,733,083.23** |